dux ikollu l-fehma tiegħu, imma dik il-fehma ma għandux iwikkiha lil shabu u fuq kollox ma jhallihiex titfa' taħtha l-fehma ewlenija li għaliha tkun twaqqfet ix-xirka. Jekk wieħed irid jaħdem bla qerq u bla għelt u jirtieq biss jaħdem għall-ġid tal-għaqda, jixraq li fejn jeħtieġ imeijel rasu għar-rieda tal-kotra u jiċċaħħad mill-ġibdiet tiegħu, biex jimxi għal għajn il-għaqda. Niftakru li min imidd għonqu biex jidħol f'xi għaqda jew xirka, ikun impliċitament wiegħed li joqgħod għal dak li trid ix-xirka, u barra dan, ikun wiegħed ukoll li għandu jagħmel dmiru biex iġib ix-xirka 'l quddiem, iżda dan ma jkunx jista' jagħmlu jekk b'għemilu iġib jew iqanqal taħwid, twegħir u ġlied li jispiċċaw biex jeqirdu kollox.

Meta wieħed jissieħeb f'xirka jindaħal għal ħafna dmirijiet: dmirijiet dwar ħweijeġ li jeħtieġlu jagħmel u dwar oħrajn li jeħtieġlu jaħrab minnhom bħalma, ngħidu aħna ,il-għira u r-regħba; dik hi s-susa li tgħawwar il-qalb, u din hi d-dalma li tagħmi l-moħħ, u meta t-tnejn jirkbu lill-imseħbin, ix-xirka taqa' bħal xkora fiergħa.

Il-"Għaqda" tagħna kienet xxurtjata għax sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha kellha membri dejjem għalenija u dejjem ħabrieka għall-ġid tagħha. Fost il-membri tagħna hemm rabta ta' ħbiberija u ta' rqulija li swiet mhux ftit biex wasslet il-"Għaqda" f'din il-pożizzjoni ta' ġieh u qima li l-lum tgawdi fost il-poplu tal-Gżira u fost il-għorrief barranin ukoll; fi tletin sena ta' ħajja, il-"Għaqda tal-Kittieba" kisbet ir-rispett tal-Gvern u ta' l-Awtoritajiet u ntrefgħet fost l-aqwa korpi kostitwiti ta' Malta. Jien jidhirli li l-"Għaqda" waslet fejn waslet il-lum bis-saħħa ta' l-armonija u l-ftehim fost il-membri u sakemm dan il-ftehim jibqa', ir-riżq tal-"Għaqda" ma jonqosx.

Jiena dejjem kont norbot fuq din il-għaqda ta' bejnietna, iżda dan l-aħħar kelli prova ħajja ta' kemm din il-għaqda hi mħeġġa u mnissla mill-qalb. Ftit ilu kelli okkażjonijiet ta' ferħ u l-Membri sħabi tal-"Għaqda" urewni qalbhom, fawra ta' ħrara u ta' ħbubija; lil dawk l-okkażioniiiet ta' ferħ tawhom sura ta' wiria tas-solidarietà li hemm bejnietna. Kitbuli ħafna ittri mimlijin b'sentimenti l-aktar ħelwin, kollha mqanqlin minn ħbiberija l-aktar safja u mseddqin mill-qibda ta' għożża li jħossu lejn il-"Għaqda" tagħna. Din li qejja hi biċċa minn ittra li bagħatli Piju K. Rapa O.P., ħu l-magħruf skrittur Franċiż Laurent Ropa

u wieħed mill-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda", u hi xbieha ta' bosta ittri oħra li wasluli mill-Membri l-oħra:—

"..... Ma rridx iżda nonqos nagħmei bil-kitba dak li ma nistax bil-kliem. L-għoti tal-M.B.E. lill-persuna tiegħek tferraħni bħala Malti li jifraħ bil-kobor ta' ħutu l-Maltin u bħala Membru tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li jifraħ u jitkabbar meta jara li l-President ta' dik il-"Għaqda", li ħadmet u għadha taħdem għall-ġieh u għall-kobor ta' l-ilsien Malti, ikun magħruf u mfaħħar għall-ħidmiet tiegħu fil-qasam tal-għerf u tal-ġid għall-poplu. Il-ġieh mogħti lilek bħala President ta' din il-"Għaqda" huwa ġieh li jaqa' fuq il-"Għaqda" wkoll u, inżid, fuq l-ilsien Malti wkoll. Jekk inti ktibt bil-Malti, jekk inti ħdimt u qbiżt għall-Malti, jekk inti ilek is-snin tmexxi l-aqwa "Għaqda" ta' l-ilsien Malti, dana inti m'għamiltux għax ma tinqalax f'ħaġa oħra, imma biss għax bħala Malti ħassejtu dmir tiegħek li tagħmel hekk. Il-ħaqq u s-sewwa rebħu għax sabu min iħobbhom nies tal-fasla tiegħek. Jiena nifraħlek minn qiegħ qalbi u nifraħlek f'isem ħija, Laurent Ropa, ukoll u nixtieqlek li tgħaddi 'l quddiem fil-ħidma qaddisa għall-kobor ta' l-Ilsien u tal-Poplu Malti....."

Dawn huma, bejn wieħed u ieħor, is-sentimenti tal-Membri kollha, sentimenti mnisslin mir-rabta ta 'ħbiberija li hemm bejnietna u sakemm din ir-rabta tibqa' sseħħ il-"Għaqda" tagħna tibqa' timxi 'l quddiem u togħla fil-ġieh u l-qima tan-nazzjon.

Ġ. GALEA.

LAQGHA TAL-KUNSILL

Nhar is-Sibt, is-7 ta' Marzu, fil-5.30 ta' wara nofs in-nhar saret laqgħa tal-Kunsill fl-Uffiċċju tas-Sur Ivo Muscat Azzopardi, Nru. 47, Triq id-Dejqa, il-Belt, li fiha ħa sehem numru sabiħ tal-Membri tal-Kunsill taħt il-Presidenza tat-Tabib Ġ. Galea. Fl-Aġenda kien hemm proposti ta' importanza kbira. Nittamaw li meta jkun il-waqt inwettquhom u nħabbruhom.